IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 21**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 6 ta' Mejju 2014 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur PeterPaul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatrur |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

0.01 **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa item nru 7 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjarju. Il-Kunsill qabel.** — Bdil fl-ordni tal-aġenda

**7.00 *Quarterly Financial Statements* (Jan - Mar)**

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

7.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Jannar – Marzu 2014. — *Quarterly Financial Statements* Jannar-Marzu 2014

Il-Kunsill innotta li għal dan il-kwart kien hemm indikatur pożittiv ta' 55%. Ġie nnotat ukoll li nqabeż il-*budget* fin-nefqiet relatati ma' *Public Property, Plants and*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

*Equipment* u t-Trasport.

Il-Kunsill qabel li jiżdied il-prezz tal-ħarġiet għall-anzjani sabiex jagħmel tajjeb għall-ispiża fit-trasport.

Ġie diskuss ukoll li l-*Wasteserv* ser jibdew jiċċarġjaw għal kull tunnellata ta' skart li jintefa' u għaldaqstant il-probabbiltà hija li l-ispiża ppjanata għal rimi ta' skart ser tiżdiet ukoll.

7.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 19**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G19 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 19

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 19** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 19

2.01 3.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li bħalissa l-Kunsill kien għaddej b'xogħlijiet ta' *patching* f'diversi toroq fil-lokalità. Hu kompla billi qal li l-*patching* fi Triq ta' Binġemma u d-Dwejra kienu ser isiru fil-jiem li ġejjin. — Talba għall-*patching* fi Triq ta' Binġemma u d-Dwejra

2.02 3.03 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-*patching* fiż- żona ta' Santa Katerina kien sar. Huwa qal ukoll li l-qtugħ tal-ħaxix kien ser isir fil-ġimgħat li ġejjin, filwaqt li dwar it-*traffic management system,* il-Perit tal-Kunsill ġie mitlub sabiex iħejji *traffic management plan.* — Talba għall-qtugħ ta' ħaxix, *patching* u *traffic management system*

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

2.03 5.01 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Rudolph Grima sabiex iforni l-indirizz sħiħ ta' din il-propjetà sabiex il-każ ikun mgħoddi lill-pulizija. — Mozzjoni 01/14- 'Mozzjoni biex tkun evitata diżgrazzja fi Triq Santu Wistin, ir-Rabat'

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/0725/14 is-Sindku informa l-laqgħa, li nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju kienet ser tgħaddi minn quddiem il-Kunsill il-*Queen Baton Relay,* tal-*Commonwealth Games Foundation.* Huwa esiġa dwar l-importanza li l-Kunsilliera jkun preżenti għal din l-okkażjoni unika. — *Queen's Baton Relay*

3.02 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/756/14 is-Sindku informa l-laqgħa, li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-familja ta' Kilin, fejn qegħdin jitolbu l- — Talba sabiex isir Bust ta' Kilin fi Triq

permess tal-Kunsill sabiex jagħmlu bust ta' missierhom Kilin fi Triq il-Kulleġġ. Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li dan il-bust jitqiegħed fi Triq il-Kulleġġ, faċċata tal-funtana, li hemm ħdejn l-iskola. Il-Kunsillier Rudolf Grima issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. il-Kulleġġ

3.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0813/14** is-Sindku informa l-laqgħa, li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam sabiex wara li huma jlestu r-restawr tal-faċċata li tinsab fi Triq San Ġużepp, il-Kunsill jibdel il-bankina li hemm tul din il-faċċata u anke jsir dawl dekorattiv kif hemm fuq in-naħa l-oħra tal-istess bini. Talba Għaqda Mużikali L'Isle Adam

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li wara li jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-faċċata, jintbagħat il-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jagħmel stima tal-imsemmija bankina u din l-stima tittella' għad-diskussjoni f'seduta tal-Kunsill. Dwar id-dawl dekorattiv il-Kunsill ma approvax din in-nefqa minħabba l-qagħda finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill.

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 233 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Pawlu Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 233

**5.00 Mozzjoni 03/14 - 'Mozzjoni biex jiġi diskuss l-istat li tinsab fih Triq Għobbejra u dak li jista' jsir biex titranġa'**

5.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppreżenta mozzjoni 03/14 li kienet issekondata mill-Kunsillier Stephen Borg u l-Kunsillier Rudolf Grima. Kopja ta' din il-mozzjoni tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Mozzjoni 03/14 - 'Mozzjoni biex jiġi diskuss l-istat li tinsab fih Triq Għobbejra u dak li jista' jsir biex titranġa'.

F'din il-mozzjoni l-Kunsillier Vassallo qiegħed jisħaq li l-istat li tinsab fih Triq Għobbejra huwa diżastruż u ta periklu għal kull minn jgħaddi minnha. Fil-mozzjoni tiegħu l-Kunsillier Vassallo ppropona li l-Kunsill jiddiskuti dwar x'jista' jsir biex titjieb il-kundizzjoni u s-sigurtà f'din it-triq u min kien responsabbli għax-xogħlijiet li diġà saru minħabba li ma kinux saru kif suppost.

Is-Segretarju Eżekutiv spjegat li bħalma jsir dejjem, qabel triq tingħata wiċċ ġdid, il-Kunsill flimkien mal-perit isejjaħ *coordination meeting* mal-entitajiet konċernati, sabiex kull entità tgħaddi l-proposti tagħha li jkunu jirrikjedu bdil ta' servizzi. Hija qalet li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm il-ħtieġa li jinbidlu servizzi min-naħa tagħhom. Madanakollu ġara li wara l-ewwel maltempata, far id-drenaġġ taż-żona bil-konsegwenza li din it-triq sarulha ħsarat estensivi fuq il-wiċċ tagħha. Minnufih il-Kunsill għamel it-tiswijiet meħtieġa fuq il-katusi sabiex jevita li r-residenti jerġgħu ifuru bid-drenaġġ u għadda l-ilment lill-Korporazzjoni. Sallum dan il-każ għadu pendenti u l-Kunsill għadu ma ħa l-ebda tweġiba mingħand l-avukat tal-Korporazzjoni.

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra bl-avukat lill-

Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, sabiex din it-triq tiġi rranġata mill-aktar fis possibbli għas-spejjeż tal-Korporazzjoni.

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni unanimament.

**6.00 Mozzjoni 04/14 – 'Mozzjoni biex jiġi diskuss l-istat li tinsab fih Vjal il-Ħaddiem Rabat Malta u x'jista' jsir fil-futur qarib biex dan il-Vjal isirlu xogħol ta' rikostruzzjoni'**

6.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppreżenta mozzjoni 04/14 li kienet issekondata mill-Kunsillier Stephen Borg u l-Kunsillier Rudolf Grima. Kopja ta' din il-mozzjoni tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Mozzjoni 04/14 – 'Mozzjoni biex jiġi diskuss l-istat li tinsab fih Vjal il-Ħaddiem Rabat Malta u x'jista' jsir fil-futur qarib biex dan il-Vjal isirlu xogħol ta' rikostruzzjoni'

F'din il-mozzjoni l-Kunsillier Vassallo qiegħed jisħaq li l-istat li tinsab fih Vjal il-Ħaddiem huwa diżastruż u ta' periklu għal kull minn jgħaddi minnha. Fil-mozzjoni tiegħu l-Kunsillier Vassallo ppropona li l-Kunsill jiddiskuti dwar x'jista' jsir biex titjieb il-kundizzjoni u s-sigurtà f'dan il-Vjal, filwaqt li jitkompla x-xogħol ta' rikostruzzjoni immedjatament. Huwa rrakkomanda li l-Kunsill jikteb ittra immedjata lill-Ministru konċernat wara li diġà saru diversi tentattivi biex tiġi diskussa din il-materja iżda ma kien hemm l-ebda avvanz.

Il-Kunsillier Vassallo għamel aċċenn dwar il-bżonn li f'din it-triq tinbidel ukoll is-sistema ta' drenaġġ.

Is-Sindku Charles Azzopardi, qal li l-ġimgħa d-dieħla, huwa ser ikollu laqgħa mal-Ministru kkonċernat sabiex jiġi diskuss it-tkomplija tax-xogħlijiet fuq din it-triq.

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li xorta għandha tintbagħat ittra lil TM sabiex ix-xogħlijiet fuq l-imsemmija trinek jitkomplew immedjatament.

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni unanimament.

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02).**

Il-Bord evalwa l-offerta mitfugħa għal servizz ta' *Handyman* - RLC/T/135/14

Intefgħet offerta waħda hekk kif ġej:

| | Isem | Rata<br>Ewro |
|---|---|---|
| 1 | Paul Tanti | €11,597 fis-sena |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Paul Tanti peress li kienet l-unika offeta mitfugħa.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi**

**stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 8 tal-aġenda.**

**8.00 Għażla tal-offerta għal Servizz ta' *Handyman* - RLC/T/135/14**

8.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għal Servizz ta' *Handyman*, lill-offerent Paul Tanti peress li din kienet l-unika offerta mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għal Servizz ta' *Handyman*- RLC/T/135/14

**9.00 Ħruġ tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill**

9.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għat-tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill

**10.00 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 1 - RLC/T/122/13**

10.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ressaq l-offerta RLC/T/122/13 għall-Knis Manwali tat-toroq - Żona 1, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq - Żona 1- RLC/T/122/13

**11.00 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 2 - RLC/T/123/13**

11.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ressaq l-offerta RLC/T/123/13 għal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 2, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Stephen Borg ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 2- RLC/T/123/13

**12.00 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 3 - RLC/T/124/13**

12.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ressaq l-offerta RLC/T/124/13 għall-Knis Manwali tat-toroq- Żona 3, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 3- RLC/T/124/13

**13.00 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 4 - RLC/T/125/13**

13.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ressaq l-offerta RLC/T/125/13 għal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 4, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq- Żona 4- RLC/T/125/13

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fit-8:30 pm

**14.00 Memo 12/2014- Sekma ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet tal-*Lifelong Learning* 2014-2015**

14.01 B'referenza għal Memo 12/2014 dwar Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning* 2014-15. Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu japplika għal żewġ korsijiet li jaqgħu taħt Sezzjoni A, li huma l-Malti u s-Somom. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Memo 12/2014 - Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet tal-*Lifelong Learning* 2014 - 2015

**15.00 Korrispondenza**

15.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0849/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva ittra mingħand bejjiegħ tal-monti, fejn dan kienu qiegħed jitlob li l-Kunsill jikkunsidra post ieħor għar-riallokazzjoni tal-monti minnflok dak ta' Triq tat-Tiġrija.

Talba sabiex tinbidel id-deċiżjoni dwar ir-riallokazzjoni tal-monti

Ġie deċiż li l-Kunsill iwieġeb li d-deċiżjoni li l-monti jmur fit-triq tat-Tiġrija kienet waħda finali u għaldaqstant kien ser iżomm mad-deċiżjoni meħuda.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll it-*traffic management* li ser jintuża meta l-monti ser imur fi Triq it-Tiġrija. Il-Kunsill qabel li t-triq tingħalaq mit-Triq tar-Rabat u t-traffiku jiġi ddevjat minn Old Żebbuġ Rd.

15.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0509/14,** għal talba dwar rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyres* ta' vettura li ġiet diskussa f'seduta tal-Kunsill G19, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ittra dwar il-każ mingħand l-Ispettur Antoine Cilia tar-*Rapid Intervention Unit.* L-Ispettur Cilia kien qiegħed jikkonferma fl-ittra tiegħu li xhieda ta' dan l-inċident kien hemm PC265 u PC869 li dak il-ħin inzertaw għaddejjin minn fuq il-post. L-Ispettur Cilia preżenta wkoll mal-ittra tiegħu *update* tar-rapport tal-pulizija maħrug minnu stess.

Talba għal rimbors għal ħsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill evalwa r-rapport, is-Sindku ppropona li titħallas l-ispiża ta' €76 li jkopru l-ħsarat fuq it-*tyres.* Issekonda dan il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0827/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva lment mingħand il-kumpanija *Maltapost,* fejn dawn kienu qegħdin jilmentaw li t-Triq f'Għar Żerriegħa tinsab fi stat diżastruż u li kienet qed tkun ta' periklu għall-pustier. Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jsir *patching* f'din it-triq. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Talba għal *patching* f'Għar Żerriegħa

15.04 B'referenza għall-korrispodenza numru **50/0608/14**, **50/0610/14**, **50/0612/14**, is-Sindku informa l-laqgħa li dawn il-bozoz kienu ġew approvati mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitpoġġew fuq il-*waiting list* sabiex

Installazzjoni ta' bozoz

ma jinqabeż ħadd.

**16.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija - Seduta numru A39**

16.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A39 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Baħrija A39

**17.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù - Seduta numru A41**

17.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu' A41 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Virtù A41

**18.00 Materji Oħra**

18.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta ritratti tal-*bring in sites* li jinsabu fi Triq it-Tabija. Huwa qal li diversi residenti qegħdin jilmentaw dwar il-ħmieġ li qiegħed jinġabar madwar dawn il-*bring in sites*. — *Bring in sites* fi Triq Tabija

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li għandha titnaddaf iż-żona ta' madwar il-*bring in sites*, billi jsir il-qtugħ ta' ħaxix u anke ssir sodda tal-konkos, sabiex ngħinu sabiex il-post jinżamm aktar nadif. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal ukoll li kien ser jikkuntattja lill-kumpanija *Green MT* sabiex dawn il-*bring in sites* jiġu mnaddfa iżjed ta' spiss.

Il-Kunsillier Nazju Cassar qal li soluzzjoni oħra li hemm hija li dawn il-*bring in sites* jitpoġġew wara l-bus shelter. Il-Kunsill ma qabilx.

18.02 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li tiġi ordnata tabella ġdida fiż-żona tal-Kunċizzjoni li turi li t-triq tagħlaq (T), minħabba li t-tabella li hemm m'għadhiex viżibbli. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament. — Tabella li turi *Dead End* fiż-żona tal-Kunċizzjoni

18.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li l-Kunsill iġib għall-attenzjoni ta' TM l-ispralli mkissra li hemm fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-Kunsill qabel. — Spralli mkissra fi Triq Ġorġ Borg Olivier

18.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li ssir talba lil TM sabiex isiru tabelli "*Priority to Bus*" fi Triq Ġorġ Borg Olivier minħabba li qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament. — Tabelli "*Priority to Bus*" fi Triq Ġorġ Borg Olivier

18.05 Il-Kunsillier Paul Grech ippropona li ssir mera fi Triq Santa Katerina. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. — Talba għal mera fi Triq Santa Katerina

| | | |
|---|---|---|
| 18.06 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro talbet li fuq il-latrina ta' Ġnien ta' Bir Iljun jiġi mnaddaf mill-ħaxix ħażin. | Ħaxix ħazin fuq il-latrina ta' Ġnien ta' Bir Iljun |
| 18.07 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li faċċata tal-*gate* tal-Ġnien ta' Bir Iljun hemm fanal li qiegħed perikoluż u li d-dawl mhux jixgħel f'dan l-istess ġnien. | Fanal perikoluż u dawl mhux jixgħel fil-ġnien ta' Bir Iljun |

**19.00 Data tas-seduta li jmiss**

| | | |
|---|---|---|
| 19.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju fis-7.00 ta' filgħaxija. | Aġġornament |
| 19.02 | Il-laqgħa ntemmet fid-9:20 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum it-Tlieta 27 ta' Mejju 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**